***Worksheet* Ġ6.3.3**
Nagħmlu differenza bejn skart li ma nistgħux nevitaw (bħal dak iġġenerat mill-fdalijiet tal-ikel) u skart li ma jmissna qatt niġġeneraw (bħal meta nużaw batteriji li mhumiex *rechargeable*).



**Imla l-vojt bil-kliem mogħti.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| timtela | tal-ikel | nipproduċu | fil-kampanja |
| il-ħamrija | tal-plastik | problemi | *rechargeable* |
| jiġbru | tal-frott | materjali | narmuh |

Huwa fatt illi l-iskart li qegħdin nipproduċu qiegħed joħloqilna ___________________________ kbar biex insibu fejn ___________________________. Għalxejn nagħmlu miżbla ġdida għax din malajr ___________________________ u jkollna nagħmlu oħra x'imkien ieħor. Jekk nagħmlu hekk il-pajjiż jispiċċa miżbla waħda kbira.

Hemm ċertu skart li ma nistgħux ma nipproduċuhx, bħall-fdalijiet ___________________________. Però rridu niftakru li jekk inneħħu minnu xi landa tat-tonn taż-żejt u xi flixkun ___________________________, il-kumplament ma tantx jagħmel ħsara. Il-qxur ___________________________ jew tal-ħaxix u l-fdal tal-ħobż huwa skart *bio-degradable*. Dan ifisser li jekk nitfgħu dawn il-qxur jew fdalijiet fuq ___________________________, ma jdumux ma jiddikomponu u jinbidlu f'kompost li jagħmel tajjeb lill-istess ħamrija.

Imma sfortunatament il-plastik u bosta ___________________________ oħra mhumiex *bio-degradable*. Dan ifisser li jekk narmu oġġett tal-plastik ___________________________, mitt sena wara jkun għadu hemm jekk ħadd ma ___________________________. Għalhekk mod wieħed kif nistgħu nibdew insolvu l-problema tal-iskart huwa li nevitaw li ___________________________ skart bla bżonn. Biex nieħdu eżempju prattiku, m'għandniex nużaw batteriji li mhumiex ___________________________ għax inkella nispiċċaw narmu ħafna iżjed batteriji.